# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.2

**Kap 7: Bil-kuraġġ inħarsu 'l quddiem**

**Lezzjoni 7.2: Sfida li ngħixu ta' Nsara ta' veru**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu kemm hu sew meta niffaċċjaw l-isfidi li jiġuna (permezz ta' eżempji).
2. Jitgħallmu li sfida kbira hi li ngħixu l-Magħmudija tagħna

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Karta ta' Taħriġ 7.2
- Song: Better than I was before by pcwade99 www.youtube.com/watch?v=5fuPorePQP4)

- Tell me the Story – John the Baptist

https://www.youtube.com/watch?v=_OO84K9RuF0

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Irrevedi mal-istudenti: X'inhi Sfida/Challenge?
- Staqsi: X'niftakru minn dak li ddiskutejna fil-lezzjoni l-oħra? Nagħmlu enfasi fuq il-punti l-aktar importanti li jkunu ġew imsemmija fil-klassi.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Staqsi: X'jiġri jekk aħna nippruvaw naħarbu mill-isfidi minflok niffaċċjawhom? (Ma nikbru qatt u nibqgħu nibżgħu minn kollox).
2. Stieden lill-istudenti biex jiddiskutu flimkien xi sfidi li jkollhom – naqdi meta nixtieq nilgħab – ngħid il-verità meta naf li ħa jkolli nikxef lill-ħbieb.
3. Nenfasizza li rridu nitgħallmu li huwa veru importanti li nieħdu azzjoni u nagħmlu xi ħaġa, u li dak li nistgħu nagħmlu llum, ma nħalluhx għal għada.
4. Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.2 u wara li taqra u tispjega s-silta mogħtija, għaddi biex tiddiskuti bħala klassi Attività 1
5. Fisser li l-Magħmudija, li hija l-ewwel sagrament, tiftħilna l-bieb biex inkunu nistgħu nħobbu aktar lil Ġesù. Ġesù jridna nħobbuh u biex inħobbuh irridu nagħżlu li nwarrbu l-ħażin u nagħmlu t-tajjeb.
6. Fisser li anke Ġesù qabel beda jippriedka, tgħammed minn San Ġwann il-Battista fix-Xmara Ġordan.



7. Għaddi għall-Attività 2 u spjega l-Magħmudija ta' Ġesù li wkoll fetħet it-triq biex Ġesù jibda l-missjoni tiegħu. Iddiskuti din bħala klassi.

8. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-fatt li hija importanti ħafna li għandna dejjem naħsbu qabel niddeċiedu.

9. Agħlaq il-lezzjoni bid-diska: Better than I was before.

10. Kompli billi tħalli lill-istudenti jaqsmu flimkien it-talb tagħhom.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Min jibża' minn kollox ma jikber qatt.
2. Dak li għandi nagħmel illum ma nħallihx għal għada.
3. Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Magħmudija
4. Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista fix-xmara Ġordan.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Permezz tal-isfidi fil-ħajja tagħna, aħna nkunu qed nikbru u nsiru persuni aħjar milli konna qabel.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Song: Better than I was before by pcwade99 www.youtube.com/watch?v=5fuPorePQP4)

- Tell me the Story – John the Baptist

https://www.youtube.com/watch?v=_OO84K9RuF0

## Nitolbu

Mulej Ġesù, għinni nifhem li fil-ħajja tiegħi dejjem se niltaqa' ma' xi sfida jew oħra. L-importanti hu li bil-għajnuna tiegħek, jiena nifhem li l-isfidi qegħdin hemm biex jiena nikber u nsir persuna dejjem aħjar milli diġà jien.

